# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Illum 22 ta' Mejju, 2025**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Kontra**

**Iosebi Archvadze**

Il-Qorti
Rat illi l-imputat:

**Iosebi Archvadze** ta' tnejn u tletin (32) sena imwieled Ġeorġja nhar it-22 ta' Settembru, 1992, residenti ġewwa Emman's Court, FL 3, Triq ic-Cirasa, San Ġwann u detentur tal-Permezz tar-Residenza Maltija bin-Numru 0426448A.

F'xi ħin bejn l-erbgħa (04:00am) u s-sebgħa (07:00am) ta' filgħodu ta' nhar it-18 ta' Mejju 2025 ġewwa Triq il-Qaliet, ġewwa San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Veljko Jovanovic** u dan bi ksur ***tal-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***.

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet ta' pubbliku u dan bi ksur ***tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Veljko Jovanovic billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A u/jew 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat illi fit-22 ta' Mejju 2025 inqraw l-akkuzi bil-gurament.
Semghet l-imputat jammetti l-imputazzjonijiet waqt l-ezami.
Rat l-artikoli l-Artikoli 214, 215, 216 u 338(dd) 28 A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Rat l-atti kollha tal-kaz, inkluz ir-rapport mediku mill-Isptar Mater Dei li jirreferi ghall-griehi sofferti minn **Veljko Jovanovic.**
Semghet it-tratazzjoni.

**Ikkunsidrat**

L-akkuzat ammetta l-ħtija fl-istadju bikri ta' dawn il-proċeduri u kkolabora mal-Pulizija.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 214, 215, 216 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lil Iosebi Archvadze sena (1) habs sospiza ghal sentejn (2) ai termini tal-Artiklu 28A tal-Kapitlu 9 ta' Ligijiet ta' Malta u tohrog Ordni ai termini tal-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tifforma parti integrali mis-sentenza u spjegat il-portata tal-istess.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**